Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS-SITTA U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 18 ta' Awwissu 2010

Ħin: Mis-5.45pm sat-8.05pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-5.45pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio (wasal fis-5.45pm)

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 21 ta' Lulju 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Ħamsa u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 21 ta' Lulju 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ittra mill-Kazin San Gabriel b'talba li l-għaqdiet tar-raħal flimkien jagħmlu 3 *posters* biex jirriklamaw il-festa, b'kull għaqda tikkontribwixxi biex jiġu stampati dawn il-*posters*. Il-flus inġabru mill-Kazin San Gabriel. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi huwa personali ta' donazzjoni ta' €60 biex sar l-*poster* għax jaf li l-Kunsill ma jistax jagħmel donazzjonijiet.

2. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea qiegħed fuq il-mejda envelop li meta nfetaħ dak il-ħin stess instabet petizzjoni li nġabret mir-residenti ta' Triq Cardinal Cardijn u Triq Bir Bal, 9 familji b'kollox, fejn qed jitolbu li titqiegħed mera quddiem it-trejqa li toħroġ għal-ġo Triq Bir Bal, fejn jipparkjaw ħafna karozzi, dan peres li ma jkunux jistaw jaraw min ikun ġej u l-ħruġ ikun ta' periklu.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li peres li mhiex triq imma aċċess għal-garaxxijiet privati u għalqa tal-Joint Office, l-mera trid issir mir-residenti. Triq Bir Bal taqa' taħt ir-responsabilita' tat-Trasport ta' Malta. Hija kienet diġa nfurmat lir-resident meta kien għamel

t-talba żmien ilu u anki kienet bagħtet it-talba tagħhom lill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta meta baqa jinsisti li ssir mill-Gvern. Hija nnutat li jekk issir jinħoloq preċedent.

Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li dan huwa l-kaz bħal meta saret lampa mill-Enemalta fl-entratura tal-garaxxijiet ta' Hamilton Court fil-Wied ta' Ħal Balzan li issa l-istess Enemalta ma tridx tbiddilha għax qed jgħidu li saret b'mod illegali.

F'dan il-ħin il-membri tal-Kunsill interrompew u ma ħallewiex titkellem aktar u unanimament iddeċidew li għandha titqiegħed il-mera.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-MEPA ser tinvestiga għaliex l-applikazzjoni bin-numru 5942/08 dwar żvilupp fil-post indikat bħala "52/2 Providence Street, Balzan" ma ġietx ippublikata fil-gazzetta wara li s-sid infurmhom li kien hemm żball fl-indirizz meta daħħal l-applikazzjoni.

**Il-Kunsillier G. Borg kien skuzat f'dan il-ħin.**

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab aktar dettalji li jridu jitnizzlu fuq formola apposta biex l-inizjattiva dwar l-indafa tiġi ġġudikata.

   Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi l-bieraħ huwa sejjaħ laqgħa tas-sotto-kumitat Manutenzjoni u Attivitajiet biex jiddiskutu l-attivitajiet li ser isiru matul is-sena fosthom l-attivitajiet li ser jitellaw taħt l-iskema ta' l-Indafa. Il-proposti huma li l-istudenti jiġu mitluba jagħmlu pjan ta' kif jaħsbu li tista titejjeb l-ambjent fil-lokalita', ssir attivita' ta' tindif fl-arja ta' l-akkwedott, il-*playing field*, Wesgħa Giġi Gauci u Triq it-Tliet Knejjes. Ser issir taħdita ma' l-għaqdiet tar-raħal dwar is-separazzjoni ta' l-iskart flimkien mal-Greenpak u possibilment jingħataw *bins* mill-Greenpak biex jiġi sseparat l-iskart. Is-Sindku fakkar li kienet ukoll saret proposta li jsir *quiz* għat-tfal ta' l-iskola. Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru dawn l-inizjattivi.

5. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ppropona lis-Sur Carmelo Caruana li joqgħod "Wexham" Buontempo Estate, Wied Ħal Balzan bħala membru tas-sotto-kumitat Manutenzjoni u Attivitajiet. Il-Kunsill unanimament approva n-nomina.

6. Il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi s-sotto-kumitat ser jorganizza New Year's Eve Countdown lejliet l-ewwel tas-sena bil-għajnuna taċ-Ċentru taż-Żagħżagħ. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta.

7. Il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi s-sotto-kumitat ser jorganizza Lejla Balzanija b'mod differenti bili l-palk jsir fin-nofs tal-pjazza sabiex is-siġġijiet ikunu mad-dawra. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, kopja tal-minuti ta' laqgħa li saret ma l-Onor. Dr. C. Said fit-28 ta' Lulju 2010 (mehmuza) u kopja tal-minuti ta' laqgħa li saret dwar il-festa tar-raħal fit-3 ta' Lulju 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

9. Il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea ppropona li s-sena d-dieħla l-Kunsill ma joħroġx permessi għat-tqiegħid ta' kjoskijiet tal-festa ħlief għal-qubbajd tradizzjonali u *toys*. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikkonsulta mad-Dipartiment sabiex naraw dan jistax jsir.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunisll illi l-*armco barrier* tqiegħdet quddiem il-ħanut *Macey Store*.

11. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi b'referenza għal-ittra numru 708/10 li tidher fil-korrispondenza, wara li tkelmet mas-Sindku bagħtet l-applikazzjoni għal-Kunsill Lokali Żagħżagħ.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi mill-ġimgħa d-dieħla l-Greenpak ser jerġaw jibdew iduru d-djar biex iqassmu l-boroz għas-separazzjoni ta' l-iskart u biex jedukaw lir-residenti dwar kif jissepparaw. Hija qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill *draft leaflet* għall-approvazzjoni tal-Kunsill (mehmuza) dwar kif ser isir il-ġbir ta' skart mill-1 ta' Ottubru 2010 jekk il-Kunsill japprova l-offerta tal-Ġbir ta' skart domestiku. Il-Kunsill innota li ladarba l-Greenpak ser iduru d-djar mill-ġimgħa d-dieħla, l-*leaflets* kif emendati (ara oriġinal) jitqassmu xorta anki jekk l-offerta ma tiġiex allokata, dan għaliex xorta waħda jrid jinġabar l-iskart, filħaz jiġi estiż il-kuntratt preżenti.

## <u>3. Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn il-21 ta' Lulju 2010 u it-18 ta' Awwissu 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tat-18 ta' Awwissu 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 732/10:** Ittra minn Trasport Malta dwar *disabled parking bay* biex jinqdew mill-uffiċċji li jinsabu fil-bini bin-numru 153 Triq il-Kbira. Il-Kunsill unanimament qabel li l-aktar post viċin li jagħmel sens huwa Triq il-Kbira, Ħal Lija kantuniera ma Triq il-Kbira, Ħal Balzan, il-post indikat jinsab fil-lokalita' ta' Ħal Lija imma l-bini jipprovdi serviżżi għar-residenti tat-tlett irħula.

**Ittra Numru 730/10:** Il-lista ta' applikazzjonijiet ġodda li tressqu quddiem il-MEPA ġiet innutata.

**Ittra Numru 723/10:** Memo 114/2010 dwar linji gwida dwar żbir ta' siġar ġie nnutat.

**Ittra Numru 717/10:** Memo 93/2010 dwar korsijiet Lifelong Learning ġie nnutat. Il-Kunsill unanimament qabel li jorganizza l-Computer Awareness Course peres li hemm 15-il applikazzjoni. Il-korsijiet l-oħra mhux ser jiġu organizzati peres li d-domanda hija baxxa ħafna.

**Ittra Numru 694/10:** L-ittra minn Transport Malta dwar One Way System fi Triq San Gabriel ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li ladarba l-coaches ma jkollhomx għalfejn jgħaddu minn Triq B. Bontadini Bkara għal-Ħal Balzan, nistgħu nitolbu li titqiegħed tabella No Entry Heavy Vehicles except to render a service in the street fi Triq B. Bontadini c/w Triq P. P. Castagna.

**Ittra Numru 693/10:** Memo 109/2010 dwar użu tal-*mobile phones* ġiet innutata.

**Ittra Numru 692/10:** Il-petizzjoni tar-residenti dwar żvilupp illeġali f'Villa Carmar ta' Triq l-Imdina ġiet innutata.

**Ittra Numru 690/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar "Inizjattiva Premju Lokaliiajiet Indaf" ġiet innutata. Ara deċizjoni tal-Kunsill aktar kmieni fil-laqgħa taħt "Mill-Minuti" artiklu 4.

**Ittra Numru 687/10:** Memo 108/2010 dwar "Taxxa u kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali fuq l-Allowance tal-Kunsillieri" ġiet innutata.

**Ittra Numru 686/10:** Memo 107/2010 dwar "Avviż Legali 374/2010 Regolamenti tal-2010 dwar allowance lis-Sindki u llill-Kunsilliera Lokali" ġiet innutata.

**Ittra Numru 685/10:** Memo 106/2010 dwar "Nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali" ġiet innutata.

**Ittra Numru 680/10:** Il-kwotazzjoni għal-ġbir ta' flus mill-uffiċċju permess ta' van tas-sigurta mid-ditta G4S Security Services (Malta) Ltd ġiet innutata. Dr. T. DeGiorgio staqsa x'qed jagħmlu kunsilli oħra. Is-Sindku nnota li Kunsilli oħra kien ilhom jinqdew b'dan is-servizz wara li kien sar ftehiem mill-AKL. Is-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku ppropona l-kwotazzjoni għall-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta li nużaw dan is-serviżż.

**Ittra Numru 678/10:** Ittra ta' ilment dwar kontravenzjoni li ngħatat fi Triq il-Lunzjata waqt li kien il-quddies. Il-Kunsill talab li tintbagħat kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u l-Authorized Officer fuq il-kaz., lill-Bord tal-Petizzjonijiet, sabiex jgħarfu jimxu fuq petizzjonijiet li jitressqu lilhom dwar il-kontravenzjonijiet li ngħataw fl-istess post.

**Ittra Numru 660/10:** L-ittra mill-AKL dwar Tariffi ta' Ġbir ta' Skart ġiet innutata.

**Ittra Numru 659/10:** Memo 103/2010 dwar Ħinijiet tal-ftuħ ta' l-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali ġiet innutata. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx hemm żviluppi wara d-direttiva tal-UHM biex ma jinbidlux il-ħinijiet tal-ftuħ peres li ma saritx konsultazzjoni magħha qabel ma ħarġet il-memo dwar il-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-uffiċċji tal-Kunsilli. Is-Segretarju Ezekuttv rrispondiet li ma kienx hemm żviluppi.

## 4. Kommunikazzjoni tas-Sindku.

Is-Sindku nnota li wasal iż-żmien li biex il-Kunsill ikollu kontroll fuq il-kuntratti ta' l-indafa jrid jaħtar *contract manager*, għaldaqstant ser jara jekk hemmx xi ħsieb dwar *contract managers* reggjonali u jekk ma hemmx jipproponi li l-Kunsill joħroġ sejħa għal-offerti fi żmien qasir. Il-Kunsill qabel unanimament. Huwa għandu jagħti risposta lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 5. Diskussjoni dwar il-kwotazzjonijiet dwar Restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' l-offerti u l-*file* bl-offerti li Restawr ta' l-isatwa ta' Santa Marija (mehmuz). Il-Kunsill innota li l-kwotazzjoni li ntefgħet għolja wisq u l-esperjenza tal-kuntrattur mhux ippruvata mid-dokumenti li ntefgħu. Il-Kunsill talab li terġa tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet.

## 6. Diskussjoni dwar il-kwotazzjonijiet dwar il-Provediment ta' Gazebo.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda tal-kwotazzjonijiet li turi li ma ntefgħet l-ebda offerta għal-providement ta' Gazebo (mehmuza). Il-Kunsill talab li terġa tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet.

## 7. Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu dwar Gbir ta' Skart.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' l-offerti u l-*file* bl-offerta li ntefgħet fir-rigward tal-Ġbir ta' Skart (mehmuza).

Fin-nuqqas ta' lista ta' impjeġati rreġistrati ma l-ETC, is-Segretarju Ezekuttiv għandha tikkonsulta mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tara jekk l-ittra li pprovda fejn jgħid li jekk jieħu l-kuntratt jimpjeġa żewġ persuni hiex aċċettabli bħala li l-offerta ma tiġiex invalidata.

## 8. Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu dwar Knis tat-Toroq.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' l-offerti u l-*file* bl-offerti li ntefgħu għal-Knis tat-Toroq (mehmuz). Kopja ta' l-iskeda ta' l-offerti li ntefgħu ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Dr. T. DeGiorgio nnota li l-kuntrattur prezenti mhux jagħti serviżż tajjeb. Huwa nnota li sallum stess kien għad hemm karti tal-festa fuq il-bankini fi Triq il-Kbira. Huwa nnota ukoll li l-bankini mhux qed jinkinsu.

Il-Kunsillier DeGiorgio nnota ukoll li lanqas il-latrina li l-istess kuntrattur qed jieħu ħsieb ma kienet qed tinżamm sewwa. Il-Viċi-Sindku nnota li l-latrina nadifa qed tkun. Huwa qal li l-latrina qed titnaddaf darbtejn kuljum u hu stess jista jgħid li filgħodu tkun nadifa peres li jkun hemm fl-istore kuljum mal-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat u pprezentat l-*file* fuq il-mejda tal-Kunsill, li juri l-iskeda ta' meta titnaddaf il-latrina, liema skedi kien ta' l-Viċi-Sindku stess fis-26 ta' Lulju 2010 wara li hija lmentat, waqt il-laqgħa tal-Kunsill, li l-iskedi mhux qed jiġu mgħotija lilha. Hija staqsietu kif jista jgħid li qed titnaddaf darbtejn kuljum meta kulhadd jista jara li l-iskeda tgħid li qed titnaddaf erba' darbiet kuljum. L-iskeda hija nnutat kienet saret apposta bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt, liema skeda qed titħalla fin-*noticeboard* li hemm fil-latrina li sar apposta biex kull min jrid jista jara meta din tnaddfet l-aħħar.

Hija nnutat li kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsillieri permezz ta' *email*, zmien ilu, fiż-żmien tal-*probation* tal-kuntratt, li l-latrina mhux tkun nadifa u li l-iskeda ma kienitx qed tgħid il-verita' u probabbli kienet qed tintela' wara żmien mhux kull meta jsir it-tindif. Għaldaqstant jekk kull azzjoni li jieħu l-kunsill biex it-tindif isir sew mhux ser tirnexxi jekk ma jkunx hemm sorveljanza.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-listi ta' l-ETC li taw id-ditti li tefgħu l-offerta tal-Knis. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nnota li ma jidhrux l-ismijiet tal-ħaddiema li jkunu jikinsu fir-raħal bħalissa fil-lista tal-kuntrattur Saviour Mifsud. Is-Sur M. Mizzi ma pprovdiex lista ta' ħaddiema li għandu rreġistrati ma' l-ETC imma bagħat cv ta' persuna li lest li jħaddem jekk jieħu l-kuntratt.

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-5 minuti fis-7.15pm.**

Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv titlob lid-ditta *Innovative Projects Ltd* biex tagħti demostrazzjoni f'ġurnata li jkun jista jkun preżenti l-Kunsill kollu imbad wara l-Kunsill jerġa jiltaqa u jieħu deċiżjoni.

## 9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-18 ta' Lulju 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €7,825.48 u skeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Lulju 2010 li tammonta għas-somma ta' €36.54.

L-iskeda ta' ħlasijiet u l-iskeda tal-Petty Cash kienu proposti għall-approvazzjoni mil-Viċi-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet u approva l-ħlasijiet ta' Petty Cash li saru. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 10. Affarijiet Oħra:

1. Il Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill applikazzjoni għal-*business internet banking* biex naraw biss *statements* tal-Kunsill bis-sistema ta' l-*internet*. Hija talbet li jekk il-Kunsill jaqbel mal-proposta jkunu nistgħu nagħmlu rikonċiljazzjoni aktar malajr fi tmiem ix-xahar peres li l-bank qed idum ma jibgħat l-*istatement* kull xahar. Is-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ppropona li l-Kunsill jitlob is-servizz ta' *internet banking* biex naraw *statements* biss. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ħaddiem ċertu Paul Micallef li jnaddaf il-Berga qala żewġ ċitażżjonijiet, kontravenzjoni bin-numru 117-09695-3 u 117-09579-1 waqt li kien ipparkjat fil-post fejn jipparkja t-tabib ta' l-istess berġa. Huwa kien qed inaddaf il-Berga wara li lesta t-tabib. Huwa qed jitlob li ċ-ċitazzjoni titħassar u jinstab rimedju biex ikun jista jnaddaf il-Berga. Huwa jkollu bżonn il-karozza viċin peres li jġorr xi affarijiet li jkollu bżonn għax-xogħol tiegħu. Il-Kunsill unanimament qabel li jikteb lit-Tribunal Lokali biex jitlob li ż-żewġ ċitazzjonijiet jitħassru peres li huwa kien fuq xogħol tal-gvern.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 15 ta' Settembru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data